MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2009

Citazzjoni Numru. 903/2008

**Green Dot Malta Limited [C-33694].**

**vs**

**Green.Mt Limited [C-42136]**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ir-rikors guramentat ta' Green Dot Malta Limited datata 9 ta' Settembru 2008 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi s-socjeta' rikorrenti, inkorporata fit-12 ta' April 2004, gia' Greenpak Limited, kienet l-ewwel entita` awtorizzata lokalment mill-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar *ai termini* tal-*Waste Management* (*Packaging and Packaging Waste*) *Regulations* (Avviz Legali 277 tal-2006 kif emendat) u tal-*Waste Management* (*Permit and*

*Control*) *Regulations* (Avviz Legaii 337 tal-2001 kif emendat) (Dok.“A”);

Illi s-socjeta` rikorrenti hija wkoll licenzjata mis-socjeta` estera Der Grune Punkt Duales System Deutschland GmbH sabiex *inter alia* tuza t-*trademark* "Green Doc" famuza madwar id-dinja kollha, inkluz f’Malta, in konnessjoni ma' skemi ghall-irkupru u r-riciklagg tal-iskart u ilha ghal numru ta’ snin tirrapprezenta esklussivament l-interessi ta' din is-socjeta` f’Malta (Dok “B”);

Illi s-socjeta' intimata, inkorporata fl-20 ta' Awwissu 2007 ghall-istess skopijiet tas-socjeta` rikorrenti, ilha ghal diversi xhur taghmel uzu minn isem, *ossia* l-isem "Green.Mt Limited", liema isem jista' u qieghed igib tahwid mal-marka Green Dot uzata skont il-ligi mis-socjeta` rikorrenti, bi ksur tal-**artikolu 32 tal-Kap 13 tal-Ligjiet ta' Malta**, *Inoltre*, l-istess socjeta` intimata ricentament giet ukoll awtorizzata mill-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar *ai termini* tal-***Waste Management (Packaging and Packaging Waste) Regulations (Avviz Legali 277 tal-2006*** kif emendat) u tal-***Waste Management*** **(*Permit and Control*) *Regulations*,** u b'hekk hija evidentement kompetitrici diretta tas-socjeta` attrici, f’dan il-qasam. F'dan ir-rigward, l-isem tas-socjeta` intimata jidher fuq is-sit elettroniku tal-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar - http://www.mepa.org.rnt - bhala entita' awtorizzata (Dok “C”, specifikament pagna 5 tal-istess dokument);

Illi *oltre* minn hekk is-socjeta` intimata a *sua sponte* u/jew *tramite* l-azzjonista ewlenija taghha "il-Kamra Maltija ghan-Negozji Zghar u Medji (GRTU)", ilha ghal diversi xhur taghmel reklamar qarrieqi *ai termini* tal-**artikoli 32B u 36A tal-Kap 13 tal-Ligijiet ta' Malta**, konsistenti *inter alia* fi stqarrijiet u *press releases* mwassla lill-firxa wiesgha ta' nies inkluz negozjanti lokali illi jqarrqu jew probabbilment iqarrqu bihom u li jaghmlu l-hsara jew probabbilment jaghmlu l-hsara lis-socjeta` rikorrenti bhala kompetitrici tas-socjeta` intimata, kif ukoll ilha ghal diversi xhur ixxerred ghal skop ta' konkorrenza notizzji li jisghu jaghmlu hsara lill-kummerc tas-socjeta` rikorrenti *ai*

*termini* tal-**artikolu 34 tal-Kap 13 tal-Ligjiet ta' Malta**, kif ukoll ilha ghal diversi xhur taghmel reklamar komparattiv projbit *ai termini* tal-**artikolu 32A tal-Kap 13 tal-Ligjiet ta' Malta** (Dok “D”, Dok “E”, Dok “F, u Dok “G”);

Illi *nonostante* illi giet interpellata diversi drabi permezz ta' ittri bonarji (Dok “H”, Dok “K”. Dok “L”, u Dok “N:) u permezz ta' protest gudizzjarju pprezentat fit-12 ta' Frar 2008 (Numru 70/2008, anness u mmarkat bhala Dok “O”) sabiex tiddesisti mmedjatament minn dan l-agir illegali taghha u sabiex tersaq ghal-likwidazzjoni tad-danni kagunati minnha, is-socjeta` ntimata baqghet inadempjenti.

Illi ghalhekk l-istess socjeta` attrici talbet lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjara illi l-uzu ta' l-isem "Green.Mt Limited" mis-socjeta` intimata jikkonsisti f’konkorrenza zleali *ai termini* tal-**artikolu 32 tal-Kap 13 tal-Ligjiet ta' Malta**;

2. Tiddikjara illi l-istqarrijiet annessi u mmarkati bhala Dok. “D” – Dok. “G” jikkonsistu f’reklamar qarrieqi u konkorrenza zleali *ai termini* tal-**artikoli 32B** u **36A**, u/jew f’tixrid ta' notizji bi hsara tas-socjeta` rikorrenti *ai termini* ta' l-**artikolu 34 tal-Kap 13 tal-Ligjiet ta' Malta**:

3. Tiffissa somma idoneja bhala penali dovuta lis-socjeta` rikorrenti *ai termini* tal-**artikolu 37 tal-Kap 13 tal-Ligijiet ta' Malta**;

4. Tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas l-istess penali lis-socjeta` rikorrenti;

5. Tordna lis-socjeta` intimata sabiex fi zmien perentorju ffissat minn din l-Onorabbli Qorti tbiddel l-isem taghha b'mod illi tieqaf il-kontravenzjoni tal-jeddijiet tas-socjeta` rikorrenti, tirtira mic-cirkulazzjoni u/jew teqred kwalunkwe materjal kontravvenjenti li jinsab fil-pussess jew taht il-kontroll taghha, u dan taht kull provvedimenti ohra illi din l-Onorabbli Qorti jidhrilha huma xierqa u opportuni.

Bl-imghaxijiet skont il-ligi kontra s-socjeta` intimata li hija ingunta minn issa ghas-subizzjoni, u bl-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-protest gudizzjarju fuq imsemmi.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-atturi a fol. 4 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokument esebiti a fol. 8 sa fol. 45 tal-process;

Rat li dan ir-rikors kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tal-15 ta’ Jannar 2009.

Rat ir-riposta guramentata tas-socjeta` intimata datata 24 ta’ Ottubru 2008 a fol. 53 tal-process fejn eccepiet: -

1. Illi preliminarjament jigi eccepit umilment illi s-socjeta` ntimata kif imharka fil-proceduri *de quo* ma tezistix kif jidher mill-kopja tal-*Memorandum and Articles* annessi u mmarkati Dokument "GM1", u konsegwentement ir-rikors guramentat huwa irritu u null u l-intimata ghandha tigi illiberata *ab observantia*;

2. Illi minghajr kull pregudizzju mis-sueccepit u dwar il-mertu, is-socjeta` Green MT Limited qatt ma kellha l-ebda intenzjoni illi tohloq xi konfuzjoni fis-suq jew b'xi mod iehor tqarraq bil-klijentela taghha kif *del resto* qed jigi allegat mis-socjeta` rikorrenti, izda kienet biss l-istess rikorrenti illi ppruvat tattakka bl-aktar mod banali u malizzjuz lis-socjeta` Green MT Limited li hija kompetitura taghha fis-suq limitat ta' servizzi marbuta mar-reciklagg gewwa pajjizna, kif ser jigi ppruvat ampjament waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza;

3. Illi subordinatament l-azzjonista ewlenija tas-socjeta` Green MT Limited hija l-Kamra Maltija Ghan-Negozji Zghar u Medji (GRTU), li l-iskop primarju ghall-ezistenza taghha hija effettivament il-promozzjoni u tmexxija ghaqlija tan-negozju zghir u medju f’pajjizna, u ghalhekk m'hemm l-ebda interess kummercjali illi din tohloq xi konfuzjoni jew konflitt *in mala fede* jew mod iehor mar-

rikorrenti *stante* illi s-socjeta' Green MT Limited hija *non profit making.*

4. Illi minghajr kull pregudizzju ghas-sueccepit, l-isem "Green.mt Limited" kif eventwalment inbidel fl-isem "Green MT Limited" permezz ta' resoluzjoni tal-Bord tad-Diretturi tal-istess socjeta` iddatata l-11 ta' April 2008 (kopja annessa u mmarkata Dokument "GM2"), intghazel peress illi *green* huwa kulur assocjat mal-attivitajiet tar-reciklagg, filwaqt li ".mt" huwa alluzjoni ghal *domain* Maltija, u bl-ebda estenzjoni tal-immaginazzjoni ma kien hemm xi alluzjoni ghal pronunzja tal-punt ossija "." mal-kelma uzata mis-socjeta` rikorrenti "dot";

5. Illi minghajr kull pregudizzju ghas-sueccepit, is-socjeta` Green MT Limited sa mill-bidu tal-ezistenza taghha fl-2007, applikat ghar-registrazzjoni ta' *trademark* mal-Industrial Property Registration Directorate tal-Commerce Division tal-Ministeru ghal Kompetittivita' u l-Komunikazzjoni, liema *trademark* ma jinkludix il-punt "." (Dokument "GM3") izda biss il-kliem "green mt" flimkien mal-logo tas-socjeta' Green MT Limited;

6. Illi minghajr kull pregudizzju ghas-sueccepit, it-*Trademarks and Designs Registration Office of the European Union* (OHIM) awrtorizzat ir-registrazzjoni ta' aktar minn elf u seba' mitt (1,700) *trademark* li juzaw il-kelma "Green", liema *trademarks* jinkludu bosta li juzaw il-punt ossija "." bhalma huma "Green.ch" (Dokument "GM4") u "Green.2" (Dokument "GM5");

7. Illi minghajr kull pregudizzju u b'riferenza ghal korrispondenza annessa mar-rikors guramentat kif ukoll il-Protest Gudizzjarju Numru 70/2008, ir-rikorrenti naqset milli turi l-pozizzjoni li dejjem hadet is-socjeta` Green MT Limited b'rigward l-uzu tal-punt f'isem is-socjeta', kif jidher car mill-korrispondenza kollha skambjata bejn l-imsemmija socjetajiet (Dokumenti "GM6 - GM8") u kif ikkonfermat ukoll fil-Kontro Protest intavolat mis-socjeta' konvenuta in risposta ghall-imsemmi Protest Gudizzjarju (Dokument "GM9"), liema korrispondenza u Kontro

Protest juru bic-car illi s-socjeta` intimata qatt ma riedet tohloq xi konfuzjoni mas-socjeta` rikorrenti;

8. Illi finalment u b'riferenza ghar-raba' (4) premessa tas-socjeta` rikorrenti, l-artikoli citati bl-ebda mod ma jikkostitwixxu ksur tal-**artikoli 32B tal-Kap 13 tal-Ligijiet ta' Malta** *stante* illi m'humiex reklami izda biss artikoli li fihom *fair comment* skont il-Ligi tal-istampa peress illi l-fatti sostanzjalment huma veri skont dak li gie recentement deciz mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem *inter alia* fil-kawza fl-ismijiet "**Lombardo and others vs Malta**" (Applik. Nru. 7333/06), deciza fl-24 ta' April 2007, kif ukoll ma jammontawx ghal reklamar skont l-interpretazzjoni moghtija mill-**artikolu 36A tal-Kap 13 tal-Ligijiet ta' Malta**;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-Ligi.

Rat l-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti u mmarkata minn Dok. “GM1’ sa Dok. “GM 9” kif jidher a fol. 57 tal-porcess.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta fejn fis-seduta tal-15 ta’ Jannar 2009 meta ssejhet il-kawza deher Dr. Antoine Naudi ghas-socjeta` attrici li irrileva li r-risposta guramentata giet prezentata *fuori termine*, peress li s-socjeta` konvenuta giet notifikata fit-2 ta’ Ottubru 2008 u r-risposta guramentata giet ipprezentata fl-24 ta’ Ottubru 2008 u ghalhekk wara l-ghoxrin (20) gurnata stipulati mil-ligi. Il-Qorti ordnat lis-socjeta` attrici sabiex tipprezenta rikors opportun fi zmien sebat ijiem (7) zmien ghar-risposta. Il-kawza giet differita ghall-kontinwazzjoni ghall-4 ta’ Marzu 2009; u tal-4 ta’ Marzu 2009 fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet. Xhud Dr. Jean Carl Farrugia. Id-difensuri rrimettew ruhhom ghall-provi dwar il-gustifikazzjoni tal-kontumacji. Il-kawza giet differita ghad-decizjoni fuq dan il-punt ghat-23 ta’ April 2009.

Rat ir-rikors ta’ Green Dot Malta Limited datata 2 ta’ April 2009 a fol. 95 tal-process fejn is-socjeta` attrici talbet lill-Qorti joghgobha tissospendi l-prolazzjoni tad-decizjoni

taghha, u tiddeferixxi l-kawza odjerna ghal data ohra konvenjenti lilha; u l-Qorti laqghet it-talba bid-digriet taghha moghti fit-2 ta’ April 2009 (fol. 96).

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif presjeduta fejn fis-seduta tat-23 ta’ April 2009 meta ssejhet il-kawza deher Dr. Victor Axiaq ghas-socjeta` attrici li informa l-Qorti li t-transazzjoni ma sehhitx u nsista fuq deciz fuq il-punt tal-kontumacja. Il-kawza giet differita ghal decizjoni fuq il-punt ghall-11 ta’ Gunju 2009.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi din hija decizjoni fuq rikors tas-socjeta’ attrici datat 16 ta’ Jannar 2009 fejn qed tintalab l-isfilz tar-risposta guramentata tas-socjeta’ intimata ghaliex giet prezentata *fuori termine*, ghaliex jirrizulta li s-socjeta` konvenuta giet notifikata fit-2 ta’ Ottubru 2008 u r-risposta guramentata giet ipprezentata biss fl-24 ta’ Ottubru 2008, u allura l-istess risposta guramentata giet prezentata wara l-ghoxrin (20) gurnata preskritti mill-ligi. Konsegwenza ta’ dan u jekk tigi milqugha din it-talba qed jigi mitlub li s-socjeta’ konvenuta tigi ddikjarata bhala kontumaci u l-kawza tigi deciza skont l-**artikolu 158 (10) tal-Kap. 12.**

Illi jirrizulta li n-notifika saret fit-2 ta’ Ottubru 2008 (*a tergo* fol. 48) lil Dr. Jean Karl Farrugia li huwa wkoll indikat bhala rapprezentant gudizzjarju tas-socjeta’ konvenuta anke minn dak li jirrizulta mill-artikolu 8/9 tal-*Memorandum of Association,* u fix-xhieda tieghu tal-4 ta’ Marzu 2009, l-imsemmi rapprezentant jghid li huwa wkoll il-*company secretary* tas-socjeta’ konvenuta u fil-fatt ir-risposta guramentata giet prezentata mill-istess Dr. Jean Karl Farrugia bhala *“rappresentant gudizzjarju tas-socjeta’ intimata”* fl-24 ta’ Ottubru 2004.

Illi mill-istess xhieda ma hemm ebda spjegazzjoni ghaliex tali risposta guramentata hija tardiva; jinghad biss li dan sar bi svista ghaliex l-istess socjeta' kellha l-intenzjoni li tikkontesta l-kawza.

Illi f'dan il-kuntest huwa relevanti dak li inghad fis-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **"Vivienne Charmaine Mizzi vs Carmel Mizzi"** (A.C. (JSP) (CA) (JDC) 21 ta' Lulju 2001) fejn inghad is-segwenti:-

*"Indubbjament l-istitut ta' kontumacja bl-ebda mod ma huwa relatat mal-mertu tal-kawza jew ma' l-implikazzjonijiet personali, socjali jew xort'ohra tieghu. Hu istitut intiz biss bhala fren biex irazzan l-atteggjament ta' kontumelja u disprezz da parti ta' min kien citat biex jersaq quddiem il-Qorti u jaghzel li jinjora tali ordni bla ma jkollu gustifikazzjoni xierqa. Ma kienx gust allura li ssir distinzjoni jew preferenza fejn il-ligi ma taghmilhiex u ma tippermettihiex".*

*"Din il-Qorti tiddistingwi wkoll bejn l-istat kontumacjali li kellu jkun uniformement l-istess ghal kull min, bl-atteggjament negattiv tieghu, juri kontumelja u disprezz lejn il-Qorti, indipendentement mix-xorta tal-mertu tal-kawza, u l-mod kif il-gudikant jipprocedi fit-trattazzjoni tal-kawza, benche' fil-kontumacja tal-parti, biex jassigura smiegh xieraq u gust li lanqas jaghmel hsara lill-kontendenti........".*

*"Konsidrat imbaghad li hu ormai pacifiku illi l-kontumacja ma tissarrafx f'ammissjoni tal-konvenut, imma pjuttost f'kontestazzjoni tat-talbiet attrici, hu car ukoll li l-Qorti kellha latitudini wiesgha fil-kondotta tal-proceduri quddiemha.....,".*

Illi ovvjament dan japplika ghal kull tip ta' kawza istwita quddiem dan il-Qrati u hawn issir riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Appell mill-Bord) fl-ismijiet **"Margaret Bugeja u Tereza Azzopardi vs Alfred Ellul"** ((JSP) deciza fit-13 ta' Jannar 1999), u

affermat fis-sentenza **"Lorraine Nejjar vs Zoher Ibrahim Nejjar"** (Q.C. (S.F) (RCP) 16 ta' Marzu 2005) il-Qorti elenkat il-principji li jirregolaw lil dan l-istitut:-

1. Il-kontumacja ma tistax tigi ritenuta u gustifikata jekk kienet volontarja.

2. Lanqas tigi gustifikata jekk kienet almenu kolpuza.

3. Biex ikun hemm lok ghall-gustifikazzjoni hemm bzonn li tigi pruvata kawza gusta.

4. Din il-kawza gusta ghandha tkun tikkonsisti f' impediment legittimu.

5. L-impediment biex ikun legittimu ghandu jkun indipendenti mill-volonta' tal-kontumaci.

6. L-izball ma hux impediment legittimu jekk ma jkunx zball invincibbli ghaliex ikun vincibbli allura jigi ekwiparat ghall-kolpa.

7. Dan l-impediment legittimu jista' jkun kif intqal, *"una necessita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili."*

8. L-impossibbilta' li wiehed jidher ghas-subizzjoni jew almenu d-diffikulta' gravi, biex tista' tikkostitwixxi mpediment legittimu ghandha tkun fizika u eccezzjonalment biss tista' tkun morali.

9. (Ara ukoll XXV. i. 323; Vol XXXVI. i. 338; Vol XXXXVI. ii. 484; Vol XLIII. i. 545, 605; Vol XLVI. i. 533, 542, 545, 546 u ohrajn).

*"Dawn il-principji ghandhom pero' jigu applikati fl-isfond tas-segwenti nsenjament ta' din il-Qorti illi jenfasizza l-origini ta' l-istitut tal-kontumacja bhala mizura ta' dixxiplina lejn l-awtorita' tal-Qorti u sanzjoni ghan-nuqqas ta' rispett lejn l-awtorita' taghha*" (*vide* **"Macpherson Mediterranean Ltd vs Godwin Gatt Suban et"** deciza P.A. (RCP) 21 ta' April 1999 – Cit. Nru. 2409/97/RCP).

Illi jidher car li dak indikat fir-risposta tas-socjeta' konvenuta datata 5 ta' Frar 2009 ghar-rikors tas-socjeta' attrici li qed jigi hawn deciz u x-xhieda ta' Dr. Jean Karl Farrugia fl-4 ta' Marzu 2009 ma jikkostitwux raguni valida ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja, u dan meta jigi kkunsidrat li l-istess kien qed jagixxi bhala ufficjal tal-kumpanija ghaliex huwa gie indikat bhala persuna li ghandha r-rappresentanza guridika tal-istess socjeta' skont paragrafu 9 tal-*Memorandum of Association* tal-istess socjeta' u huwa indikat wkoll bhala *company secretary* tal-istess socjeta' u fil-fatt huwa jipprezenta legalment l-istess socjeta' u seta' allura jippresenta risposta guramentata ghall-istess socjeta', b'dan allura li jidher car li l-istess persuna huwa ufficjal tal-istess socjeta' u agixxa bhala tali (anke skont id-disposizzjonijiet tal-**Kap. 386)** anke ghal skopijiet ta' notifika.

Illi l-fatti kif fuq indikati juru li ma hemm l-ebda bazi legali u gudizzjarja li tiggustifika n-nuqqas ta' prezentata ta' risposta guramantata fit-terminu ndikat mill-ligi; jirrizulta biss li dan sar bi svista u bi zball u ghalhekk din il-Qorti thoss li t-talbiet tas-socjeta' attrici kontenuti fir-rikors datat 16 ta' Jannar 2009 ghandhom jigu milqugha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad ir-risposta tas-socjeta' intimata datata 5 ta' Frar 2009, **tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici fir-rikors taghha datata 16 ta' Jannar 2009,** b'dan illi:-

(1) Tordna l-isfilz u tnehhija mill-process tar-risposta guramentata tass-socjeta' intimata datata 24 ta' Ottubru 2008.;

(2) Tiddikjara li s-socjeta' intimata baqghet kontumaci b'dan li huma applikabbli d-disposizzjonijiet tal-**artikolu 158 (10) tal-Kap. 12.**

Bl-ispejjez ta’ din id-decizjoni a karigu tas-socjeta’ intimata.

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------